MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 948/1980/1

Gordon Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta
“Mizzi Estates Limited”
vs
Anthony Agius

Il-Qorti,

**A: CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha ppremetta illi:

Peress illi fl-24 ta’ Settembru 1979, il-konvenut iffirma kuntratt ta’ impieg ma’ l-attur nomine fejn huwa gie impjegat ghal zmien tmintax-il xahar dekorribbli mill-1 ta’ Jannar 1980, fil-kariga ta’ manager ta’ l-istess ditta, bid-drittijiet u doveri hemm spejgati (Dok A).

Peress illi fil-kors ta’ l-impieg il-konvenut ordna xoghol ta’ injam ghalih personali konsistenti f’numru ta’ bibien u twieqi u xoghol iehor, ghal liema xoghol huwa iddebita lilu nnifsu bi prezz ferm inferjuri minn dak li kellu jkun.

Peress illi l-konvenut qabad u ha injam mill-istore tal-attur nomine minghajr ma hallas ghalih.

Peress illi fl-istess zmien il-Kumpanija Festa Limited ghamlet ordni ta' xoghol ta' injam minghand l-attur nomine, liema ordni kienet taht is-supervizjoni tal-konvenut li kellu jara li x-xoghol jigi manifatturat skond is-sengha u skond il-kwotazzjonijiet miftehma.

Peress illi barra din l-ordni kien hemm ordnijiet ohra ta' l-istess natura, izda minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' hila da parti tal-konvenut, l-attur nomine sofra telf konsiderevoli specjalment minhabba li rrizultat li kien hemm "overproduction" ta' certu affarijiet bhal bibien u "hatches" u difetti ohra kif kellu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi oltre dan, il-konvenut irrizenja mill-impieg tieghu b'ittra tal-14 ta' Lulju 1980, liema rizenja giet accettata mill-attur b'ittra datata 13 ta' Awissu 1980 u ghalhekk skond l-Att Nru. XI tal-1952, (Art. 25 (8)(ii)), il-konvenut ghandu jhallas lill-attur nomine nofs is-salarju li kien intitolat ghalih, kieku kompla fl-impieg tieghu sat-terminazzjoni tal-kuntratt (Dok A).

Peress illi ghalkemm interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti.
L-attur nomine talab lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghat-telf sofrut mill-attur minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' hila, waqt is-supervizjoni fuq ix-xoghol u fil-kariga tieghu ta' manager, rizultanti fix-xoghol hawn fuq imsemmi.

2. Tillikwida dan it-telf u danni sofruti mill-attur nomine kif fuq spjegat.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat.

4. Tiddikjara li l-konvenut ittermina l-kuntratt ta' impieg definittiv Dok A qabel iz-zmien stipulat.

5. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur nomine a termini tal-Att Nru. XI tal-1952 (Art. 25(8)(ii) stante din it-terminazzjoni.

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat tal-imghaxijiet mid-data tat-temm tal-impieg sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Anthony Agius li biha eccepixxa:

Illi d-domanda tal-attur ghanda tigi michuda peress illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-allegati fatti kif esposti mill-attur mhumiex xejn vero simili ghar-realta`.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Rat id-digriet tat-13 ta' Marzu 1981 li permezz tieghu gie nominat bhala Perit Legali Dr. Joseph Vella, u d-digriet tal-21 ta' Frar 1991 fejn Dr. Vella gie sostitwit b' Dr. Louis Cassar Pullicino.

**C. PROVI:**

Rat illi fil-21 ta' April 2004 Dr. Louis Cassar Pullicino pprezenta r-rapport tieghu.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Louis Cassar Pullicino li fiha ghamel is-segwenti kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet:

**“2. Terminazzjoni tal-kuntratt ta’ impieg.**

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut kien gie mpjegat mill-attur nomine bis-sahha tal-kuntratt li huwa esebit bhala Dok. A a fol 5 tal-process. Dan il-kuntratt gie konkluz fl-24 ta’ Settembru 1979 u permezz tieghu l-konvenut gie impjegat bhala Manager ta’ Mizzi Estates Limited b’effett mill-1 ta’ Jannar 1980 u dan ghall-perjodu definittiv ta’ tmintax-il xahar.

Fl-14 ta’ Lulju 1980 il-konvenut baghat ittra ossija Memorandum lil Gordon Mizzi u fih essenzjalment elenka diversi lmenti li kellu fil-konfront tal-principal tieghu u li rrizultawlu fil-kors tal-impjieg tieghu. Fl-imsemmija ittra l-konvenut ikkonkluda hekk:

“If you think that you are right in your way of doing things and you are not prepared to change your attitude and co-operate with me I have no alternative but to ask you to accept my resignation”.

Illi effettivament din ir-rizenja giet accettata mill-principal permezz ta’ ittra datata 13 ta’ Awissu 1980.

L-attur jippretendi hlas ta’ somma ta’ elf tlett mija u sitta u disghin lira u tletin centezmu (Lm1369.30) rappresentanti ammont ekwivalenti ghal nofs is-salarju li kien intitolat jircievi l-konvenut li kieku huwa hadem tul il-perjodu kollu kontemplat fil-kuntratt ta’ impjieg, liema talba hija msejsa a bazi tal-artiklu 25 (8)(ii) tal-Att Nru. XI tal-1952 (C.E.R.A.). Jigi rilevat f’dan l-istadju li fil-mori ta’ din il-kawza din il-ligi lahqet giet abrogata ghalkemm illum jezisti artikolu simili pero` fil-Kap. 452, artikolu 36 (12).

Illi mill-premess jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku li r-rizenja mill-impjieg kienet inizjattiva purament mehuda mill-konvenut u fl-ittra tal-14 ta’ Lulju 1980 huwa ghamel invit car lill-principal tieghu biex jekk ihoss li kien il-kaz,

huwa jaccetta r-rizenja tieghu. Dan l-invit biex tigi accettata r-rizenja tieghu fil-fatt gie accettat. Ghandu jinghad illi ghalkemm mill-provi jirrizulta li l-konvenut thallas l-ammonti kollha dovuti lilu sad-data tat-terminazzjoni, ma jirrizultax illi b'daqshekk l-atturi irrinunzjaw ghal xi jedd spettanti lilhom skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-konvenut huwa tenut li jhallas lill-attur nomine s-somma ta' elf mija u sitta u disghin lira u tletin centezmu (Lm1369.30) rappresentanti ammont ekwivalenti ghal nofs is-salarju li kien intitolat jircievi l-konvenut li kieku huwa hadem tul il-perjodu kollu kontemplat fil-kuntratt ta' impieg.

**3. Materjal u xoghol li sar a beneficcju tal-konvenut.**

L-attur isostni illi matul il-kors tal-impjieg tieghu, il-konvenut kien ha xi materjal minn go l-istores tas-socjeta` attrici in konnessjoni ma' xogholijiet li saru ghalih personali.

L-attur esebixxa kopja ta' rapport li gie redatt mill-Perit Stephen Mangion ( Dok. M4 a fol. 140) fejn jirrisulta li kien gie accertat ix-xogholijiet li saru fil-fond "Maruska", Mayfair Avenue, Swieqi, u dan fil-presenza tal-istess konvenut. Minn dan ir-rapport jidher car illi gie konstatat li saru xi bibien u twieqi go proprjeta` appartenenti lill-istess konvenut.

Dwar il-valur ta' dan ix-xoghol, il-konvenut kien hareg invoice lilu nnifsu li tinsab esebita bhala dok. M5 a fol 133 fis-somma ta' Lm401.50 u relattivament ghal "manufacturing only doors and windows". Gordon Mizzi fix-xhieda tieghu jikkontendi illi din il-fattura tirrigwarda biss "labour hours". Mizzi esebixxa wkoll stima mahruga mid-ditta Keen Products Limited (Dok. M6 a fol 134) minn fejn jirrizulta li ghall-bieb principali bhal dak li fil-fatt sar fid-dar tal-konvenut, saret stima fis-somma ta' LM 440.00.

Illi dwar il-materjal li l-konvenut ha ghall-usu personali tieghu, gie esebit prospett li jinsab immarkat bhala Dok.

M8 a fol 132 u li fih hemm elenkat il-materjal kollu mehud mill-konvenut ghalkemm ma hemm l-ebda valur indikattiv ta’ dan il-materjal.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghalhekk illi l-fattura mahuga mill-konvenut stess lilu innifsu tirreferi biss ghall-mano d’opera involuta fix-xoghol tal-bibien u twieqi filwaqt illi l-istima ta’ bieb principali tad-dar tal-konvenut tikkwota somma ta’ LM440.00. Peress illi parti mill-ammont kopert fil-fattura ghandha necessarjament tirreferi ghall-mano d’opera tal-bieb principali, l-istima tal-bieb qed tigi mnaqqsa arbitrio boni viri ghal Lm360.00. Jibqa’ ghalhekk illi jigi stmat il-valur tal-materjal mehud mill-konvenut li fin-nuqqas ta’ stima u valur, l-esponent qed jillikwida wkoll arbitrio boni viri fis-somma komplessiva ta’ Lm150.00. Dan il-valur qed jigi applikat tenut kont tal-valur tal-lira fiz-zmien relattiv ghall-kaz in kwistjoni.

Ghalhekk l-esponent qed jillikwida l-ammont dovut mill-konvenut ghal dak li jirrigwarda l-materjal u xoghol li ha favur tieghu matul il-kors tal-impjieg tieghu b’dan il-mod:

| | | |
|---|---|---|
| Bieb principali | | Lm 350.00 |
| Manufatturar ta’ bibien u twieqi | | Lm 440.00 |
| Prezz ta’ materjal | Lm 150.00 | |
| | | |
| Total | | Lm 940.00. |

4. **Negligenza /Nuqqas ta’ hila**

Illi l-allegazzjoni principali f’dan ir-rigward hi li l-konvenut kien responsabbli ghal telf sostanzjali li sofriet is-socjeta` attrici waqt li dan kien jokkupa l-kariga ta’ manager. Dan it-telf irrizulta principalment waqt l-esekuzzjoni ta’ kuntratt moghti minn Festa Limited fejn irrizulta li saret “over production” ta’ tnejn u ghoxrin bibien “flush” tal-valur komplessiv ta’ Lm1,199. In oltre kien hemm disa’ (9) serving hetches ta’ valur ta’ Lm72.00 (ara x-xhieda ta’ Gordon Mizzi a fol 21 tal-process).

L-atturi jilmentaw ukoll fil-kors ta’ ordni moghtija mir-Ramla Bay Hotel fejn il-konvenut fassal l-injam tad-

deckchairs b'xi pulzier anqas bil-konsegwenza illi ma gewx utilizzati 596 bicca njam li nqatghu ghal dan l-iskop oltre li kien hemm madwar mitejn deck chair li ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Illi finalment l-attur isostni wkoll illi t-telf li garrbet il-Homecraft Division, li hija fergha ta' Mizzi Estates Limited, kienet kawza tal-inefficjenza u nuqqas ta' hila tal-konvenut. In sostenn ta' dan l-ilment, l-atturi jistriehu fuq l-accounts tal-1979 esebiti u mmarkati bhala dok. fejn jirrizulta net contribution ta' Lm3,204.00 komparat mal-accounts tal-1980 fejn jirrizulta nett deficit ta' Lm 27,965.00.

Jirrizulta mix-xhieda moghtija minn Adrian Ellul Soler, assistant internal auditor tal-Mizzi Group illi huwa kien gie inkarigat minn Gordon Mizzi sabiex jispezzjona fizikament flimkien ma' Austin Walker l-istores tal-kumpannija biex jigi verifikat il-valur tax-xoghol lest billi kien hemm suspett illi l-valuri li kien qed jghaddi l-konvenut lill-awdituri kienu ferm aktar minn dak li kien jiswa. Irrizulta in fatti li skond projected trading accounts li saru ghas-sena 1980 (fol 88) kien gie progettat telf ta' madwar tletin elf lira (Lm 30,000).

Illi wara li haseb fit-tul dwar dawn l-allegazzjonijiet, l-esponent wasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma jistax jinstab responsabbli ghat-telf tal-kumpannija a bazi tal-provi prodotti. Dwar il-kuntratt ma' Festa Limited, per ezempju, ma jirrizultawx dettalji cari dwar il-kuntratt, in-numru ezatt ta' bibien li kienu ordnati, in-numru ta' bibien konsenjati, pjanti ecc. b'mod illi l-agir tal-konvenut jista' jigi analizzat ahjar fl-ambitu tal-kuntratt li kellu jigi esegwit mill-konvenut. B'hekk l-esponent ma kienx f'posizzjoni jiddetermina jekk verament kien hemm kaz ta' "overproduction" fin-nuqqas ta' prova cara dwar l-ordni nnfisha.

Illi fil-fehma tal-esponent l-attur lanqas ma rnexxielu jipprova ness ta' kawzalita` bejn dan it-telf progettat fl-accounts tal-1980 u l-agir tal-konvenut. L-unika prova li ngabet hija limitata ghall-kuntratt li nghatat is-socjeta` attrici mid-ditti Festa Limited u l-lukanda Ramla Bay u

anke hawn kif gja nghad, jezisti dubju kemm verament jista' jahti l-konvenut. Bizzejjed jinghad illi skond ix-xhieda tal-Perit Amadeo Mifsud, li dak iz-zmien kien jahdem mad-ditta ta' periti Richard England u li kienu spezzjonaw il-bibien in kwistjoni, fil-parti l-kbira x-xoghol tal-konvenut kien jidher sodisfacenti.

Aktar mill-premess, pero`, ghandu jinghad illi ghalkemm mill-kuntratt ta' impjieg jirrizulta li l-konvenut gie impjegat bhala "manager", ma ngabet ebda prova dwar il-funzjonijiet u responsabbilitajiet li kellu l-istess konvenut. Fil-projected accounts li saret riferenza ghalihom, l-awdituri jikkummentaw fil-fatt illi:

*"The Directors should seriously consider setting up an efficient costing system which should be under the control of the Company Accountant. At present the Factory Manager is responsible for the workshop, administration and costings of the Company. In view of the expansion of the Company a proper organisation should be set up to ensure that all physical movements of material and the Company's financial matters are efficiently recorded and strictly controlled."*

Mill-premess ghalhekk jista' jkun il-kaz illi t-telf fil-fatt seta' wkoll irrizulta minhabba nuqqasijiet fl-istruttura interna tad-ditta attrici aktar min-nuqqasijiet specifici min-naha tal-konvenut innifsu.

Ghalkemm mill-premess jirrizulta li s-sistemi adoperati mill-kumpannija attrici fil-workshop ma kenitx wahda ideali, ma jirrizultax mill-kumpless tal-provi li t-telf soffert mill-kumpannija huwa attribwibbli kollu kemm hu ghan-negligenza jew nuqqas ta' hila tal-konvenut.

**Konkluzjonijiet:**

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq esposti, l-esponent jikkonkludi dan ir-rapport peritali fis-sens illi:

(i) l-ewwel talba ghalhekk ghanda tigi milqugha limitatament ghall-valur tal-materjal u xoghol konsistenti

f'numru ta' bibien u twieqi li kif gja nghad gew likwidati fil-valur komplessiv ta' Lm940.00. Ghall-kumplament it-talba attrici ghat-telf soffert ghandha tigi michuda billi ma rrizultax illi l-konvenut huwa responsabbli ghat-telf soffert mill-attur nomine kawza ta' negligenza, imprudenza jew nuqqas ta' hila.

(ii) Ir-raba' talba ghandha tigi akkolta stante li rrizulta illi kien il-konvenut li rrizenja mill-impjieg tieghu.

(iii) L-ammont li ghandu jigi likwidat ghall-finijiet tal-hames talba jammonta ghal Lm1,369.30.

(iv) Il-konvenut ghandu ghalhekk jigi kundannat ihallas dan l-ammont ta' Lm1,369.30.

(v) B'kollox ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' elfejn tlett mija u disa' liri u tletin centezmu (Lm2,309.30).

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti bazikament taqbel mas-sottomissjonijiet milhuqa mill-Perit Legali ghax kien ezwrjenti fil-konkluzjonijiet tieghu. Infatti l-ewwel talba tal-attur hija relattiva ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` tal-konvenut ghat-telf sofrut mis-socjeta` attrici minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' hila ta' l-istess konvenut waqt is-supervizjoni fuq ix-xoghol u fuq il-kariga tieghu ta' manager. Din ghandha zewg aspetti u cioe` r-responsabbilta` tal-konvenut fix-xoghol tieghu ta' manager u fit-tieni parti taghha minhabba li ma ghamilx xogholu sewwa ta' Manager f' affarijiet riferibbli ghalih personali.

Dwar li l-konvenut ma ghamilx xogholu kif suppost bhala Manager fil-kors tal-kawza ma giex sufficjentement pruvat li t-telf soffert mis-socjeta` attrici kien kawza ta' negligenza, imprudenza jew nuqqas ta' hila tal-konvenut. Infatti ghalkemm din kienet possibbilta`, mill-provi prodotti ma nholoqx ness sufficjentement car li jalloka lill-konvenut bir-responsabbilta`. Fil-kuntratti esebiti ma hemmx dettalji cari tant li kien impossibbli ghall-Perit Legali li jikkonstata jekk fil-fatt kienx hemm "over production" jew le. It-telf tal-

kumpanija kif imsemmi seta' kien dovut ghan-nuqqasijiet fl-istruttura interna tas-socjeta` attrici. Il-Qorti thoss li ma giex pruvat ness sufficjentement car biex jipprova li t-telf soffert mill-kumpannija attrici kien kawza tal-agir tal-konvenut u ghalhekk taht dan l-aspett ma jistax jinstab responsabbilta` tal-istess konvenut.

Jibqa' pero` lill-Qorti biex tezamina taht l-ewwel talba jekk il-konvenut fil-kwalita` tieghu ta' manager hax hsieb sufficjentement li johrog il-kontiiet dovuti lilu nnifsu ta' bibien u twieqi li ha ghad-dar tieghu. Hawnhekk il-Qorti ssib ir-ragunar tal-Perit Legali sufficjentement car u tapprezza li certu stimi saru ***arbitrio boni viri*** izda hemm partikolaritajiet zaghar fil-konteggi li ma taqbilx maghhom. Infatti fir-relazzjoni tieghu l-Perit Legali l-ewwel isemmi li qed jistma l-bieb ghal Lm360 waqt li fil-konkluzjoni jnizzel Lm350. Dwar manifatturrar ta' bibien u twieqi l-ewwel tissemma l-figura ta' Lm401.50 u wara jissemmew Lm440. Ma hemm ebda osservazzjoni li l-Qorti taghmel dwar il-prezz ta' materjal ta' Lm150 izda b' hekk il-konvenut ghandu jigi mizmum responsabbli ghall-ammont ta' Lm911.50 (Lm401.50 + Lm150 + Lm 360). Ghal dan il-motiv tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal telf sofrut mis-socjeta` attrici u sekondarjament tillikwida dan it-telf fl-ammont ta' Lm911.50.

Is-socjeta` attrici talbet ukoll li jigi dikjarat li l-konvenut ittermina l-kuntratt ta' impjieg definittiv qabel iz-zmien stipulat. Irrizulta li l-konvenut dahal jahdem in segwitu ta' kuntratt datat 24 ta' Settembru 1979 li permezz tieghu beda jahdem bhala manager tas-socjeta` attrici b' effett mill-1 ta' Jannar 1980 ghall-perjodu ta' 18-il xahar. Irrizulta li fl-14 ta' Lulju 1980 l-konvenut baghat memorandum li fih semma "I have no alternative but to ask you to accept my resignation", liema rizenja giet accettata mis-socjeta` attrici permezz ta' ittra datata 13 ta' Awissu 1980. It-talba tas-socjeta` attrici ghas-somma ta' Lm 1369.30 ekwivalenti ghal nofs is-salarju li l-konvenut kien intitolat jircievi li kieku huwa baqa' jahdem tul il-perjodu stipulat fil-kuntratt ta' impjieg tidher gustifikata. Infatti jirrizulta li kien il-konvenut li ta r-rizenja tieghu meta

l-kuntratt ta' impjieg definittiv kien ghadu ghaddej. Ma rrizultat ebda rinunzja da parti tas-socjeta` attrici ghall-hlas tan-nofs ghall-perjodu li ma nhadimx u ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut huwa ta' Lm1369.30.

**E. KONKLUZJONIET:**

i. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghat-telf sofrut mill-attur minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' hila, waqt is-supervizjoni fuq ix-xoghol u fil-kariga tieghu ta' manager, rizultanti fix-xoghol hawn fuq imsemmi kif spjegat relattivament ghax-xogholijiet u materjal suppliti fid-dar tieghu;

ii. Tillikwida dan it-telf u danni sofruti mill-attur nomine fl-ammont ta' Lm911.50;

iii. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat;

iv. Tiddikjara li l-konvenut ittermina l-kuntratt ta' impieg definittiv qabel iz-zmien stipulat;

v. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur nomine stante din it-terminazzjoni fl-ammont ta' Lm1369.30;

vi. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm1369.30 bl-imghaxijiet mil-lum.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------